MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**LAURENCE QUINTANO**

Seduta tat-18 ta' Jannar, 2010

Numru 217/1999

**Il-Pulizija**
**(Assistant Kummissarju Neil Harrison)**

**Vs**

**Stephen Borg.**

Il-Qorti

Rat l-imputazzjonijiet dedotti kontra Stephen Borg ta’ 21 sena, iben missier mhux magħruf u Mary Borg, imwieled Tal-Pieta’ fit-12 ta’ Marzu 1978 u joqgħod 22 Triq il-Vitorja Birkirkara u detentura tal-karta tal-identita’ bin-numru 155778(M)

Akkużat talli f’dawn il-Gżejjer fit-2 ta’ Marzu 1998 u fl-aħħar xhur qabel dina d-data:

(a) forna jew pprokura jew offra li jforni jew li jipprokura d-droga eroina, specifikata fl-ewwel Skeda ta' l-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi Kap 101 tal-Liġijiet ta' Malta, lill-persuna/i jew għall-użu ta' persuna/i mingħajr ma kellu licenzja mill-President ta' Malta, mingħajr ma kien awtorizzat bir-Regoli tal-1939 għall-Kontroll Intern tad-Drogi Perikolużi (GN 292/39) jew minn xi awtorita' mogħtija mill-President ta' Malta li jforni d-droga u ma kien fil-pussess ta' awtorizzazzjoni għall-importazzjoni jew għall-esportazzjoni maħruġ mit-Tabib Principali tal-Gvern skond id-disposizzjonijiet tas-6 Taqsima tal-Ordinanza msemmija u mingħajr ma kellu licenzja jew xort'oħra awtorizzat li jimmanifattura, jew li jforni d-droga msemmija u mingħajr ma kellu licenzja li jipprokura l-istess droga u dan bi ksur tar-Regolament 4 tar-regoli tal-1939 dwar il-Kontroll Intern tad-drogi perikoluzi (GN 292/39) kif sussegwentement emendati u bi ksur ta' l-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta;

(b) kellu fil-pussess tiegħu d-droga eroina specifikata fl-Ewwel Skeda tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikolużi Kap 101 tal-Liġijiet ta' Malta meta ma kienx fil-pussess ta' awtorizzazzjoni għall-importazzjoni jew għall-esportazzjoni maħruġ mit-Tabib Principali tal-Gvern skond id-disposizzjonijiet tar-4 u s-6 Taqsima tal-Ordinanza u meta ma kienx bil-licenzja jew xort'oħra awtorizzat li jimmanifattura, jew li jforni d-droga msemmija u meta ma kienx b'xi mod iehor bil-licenzja mill-President ta' Malta li jkollu d-droga msemmija fil-pussess tiegħu u naqas milli jipprova li d-droga msemmija giet fornuta lilu għall-użu tiegħu skond ir-ricetta kif provdut fir-regolamenti msemmija u dan bi ksur tar-Regolament 9 tar-regoli tal-1939 dwar il-Kontroll Intern tad-drogi perikoluzi (GN 292/39) kif sussegwentement emendati u bi ksur ta' l-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta;

Il-Qorti intalbet li f'kaz ta' htija l-imputat ikun kkundannat ihallas l-ispejjez skond l-Artikolu 533 tal-Kap 9

Rat l-atti kollha tal-process inkluz ic-certifikat tat-twelid ta' l-imputat li jgib in-numru 1557/1978; il-fedina penali ta' l-imputat a fol 6; l-istqarrija tieghu a fol 7 u 8; l-Ordni ta' l-Avukat Generali a fol 9; ir-relazzjoni ta' l-Ispizjar Mario Mifsud a fol 10; il-verbal a fol 42 li fih id-difiza rregistrat dikjarazzjoni li ma kienx hemm ghalfejn jergghu jinstemghu ix-xhieda li kienu diga gew registrati quddiem din il-Qorti kif diversament preseduta; ir-ritratti li ttiehdu u li jidhru a fol 29; id-dikjarazzjoni tal-prosekuzzjoni li kienet ghalqet il-provi taghha fit-2 ta' Novembru 2005; il-hatra ta' Probation Officer sabiex jaghmel social and inquiry report dwar l-imputat; u r-rapport maghmul minn Mariella Camilleri l-Probation Officer li jidher a fol 75.

Semghet ix-xhieda bil-gurament.

Iddifferiet il-kawza diversi drabi ghat-trattazzjoni u rat il-verbal li fih din il-kawza thalliet ghas-sentenza.

Il-fatti fil-qosor kienu li l-pulizija nhar it-2 ta' Marzu 1998 kienu marru ghassa qrib garaxx li kien jinsab fi Triq Mons Mifsud B'Kara. Kienu hargu diversi zghazagh minn dan il-post u zewg zghazagh kienu osservati dehlin propju f'dan il-garaxx. Dawn iz-zewg zghazagh kienu certu Dione Tedesco u l-imputat. Warajhom dahlu diversi membri tal-pulizija u l-imputat kien osservat jarmi qartas suspettat eroina go kaxxa li fiha kien qed jinzamm kelb. Dan il-qartas kien elevat mill-pulizija. Saret tfittxija fil-garaxx u instabu zewg qratas ohra bl-eroina wara xkaffa u qartas iehor mill-istess xkaffa. Kien hemm ukoll trab kannella suspettat eroina li kien qieghed go basket tal-plastic isfar, xi citric acid, foil, imqass, pipa u kif wkoll oggetti ohra relatati ma' l-abbuz tad-droga (fol 15).

Il-pulizija kienet kellmet lill-imputat fit-2 ta' Marzu 1998 ghall-habtat as-2.30pm.

## L-istqarrija ta' l-imputat

Fl-istqarrija tieghu l-imputat qal li kien rema' qartas bl-eroina hdejn il-kelb. Dan kien qieghed fuq xkaffa u

ghamel hekk biex ma jsibuhx il-pulizija. Fil-fatt il-pulizija kienu rawh jaghmel hekk u sabu l-istess qartas. Komplew it-tfittxija u sabu l-kumplament tad-droga li kellu l-imputat. Fil-fatt l-imputat qal li kellu qartas iehor li nstab fuq l-ixkaffa u borza tal-foil bl-eroina li kienet go kaxxa sewda ta’ l-istereo tal-karozza (fol 7). Kien hemm pipa tar-ram u xi foil iehor shih u imqass u boroz tal-plastic. Dawn ukoll haduhom il-pulizija u huma l-istess affarijiet li kien qed jara l-imputat fl-ufficcju ta’ l-ispettur meta saret l-istqarrija.

Meta saret it-tfittxija l-imputat u l-persuna l-ohra kienu ghadhom kif jaslu. Kienu l-imputat u Dione biss li kellhom cavetta tal-garaxx.

Qal li kien mar il-garaxx darbtejn. L-ewwel darba mar ma wiehed jismu Sandro li aktarx minn Hal Balzan. Marru bl-Anglia tieghu ta’ kulur blu. Dan Sandro tah il-kelb tieghu li huwa Pitbull u tieghu l-imptuat kien tah pakkett eroina. Kien tah il-kelb ghax flus ma kellux.

Id-droga li nstabet mill-pulizija kienet ilha ghandhom mill-gimgha ta’ qabel filghodu. Kellhom kollox f’borza u imbghad hu u Dione qasmuha bejniethom. Ghamlu xi haga minnha f’pakketti wkoll. Kellhom iktar milli fil-fatt instab illum u dak il-foil f’dak il-gurnata ghax il-Gimgha biss biss l-imputat kien biegh xi zewg pakketti bl-eroina. L-imputat qal li ma kienx ilu jbiegh. Kien qed ibiegh biex ikollu xi haga fil-but. Kien ilu jiehu l-eroina minn xi 5 xhur qabel ma saret l-istqarrija. Hu qal li d-droga kienet instabet f’hajt go B’Kara. Pero imbghad kien semma persuna minghand min kien jixtri l-eroina. Huwa qal li l-istereo kien tieghu u kien xtrah ghall-prezz ta’ LM100.

**Xhieda Forensika**

Mill-provi ta’ l-espert li kien mahtur mill-Qorti, jirrizulta illi kienu nstabu tracci ta’ sustanza eroina fuq il-qiegh ta’ bott kif wkoll illi fid-dokument 99CMK 01 sa 06 kien hemm ammont ta’ 5.025 grammi ta’ eroina (fol 9). Fl-istess paragrafu jidher wkoll kemm kienu jiznu dawn il-pakketti li

kienu 8 b’kollox li kellhom toqol li jvarja bejn 0.064 grammi u jibqa’ telghin sa 3.061 grammi.

Xehed ukoll PC 1057 Mario Cuschieri li qal kif il-pulizija kienu dahlu fil-garaxx u sabu lil Stephen Borg flimkien ma certu Dione Tedesco. Huwa qal ukoll x’kien gie elevat fosthom fuq xkaffa mill-hajt kien gie elevat sachet. Kien hemm bicca foil li go fiha kien hemm zewg qratas ohra. Dawn kienu wara mera (fol 18) u kien hemm ukoll pipa. Kien ingabar sachet iehor min kaxxa fejn kien hemm il-kelb.

L-imputat fil-21 ta’ Frar 2000 ghazel li jixhed minn jeddu u hu kien qal li kien jixtri l-eroina minghand certu persuna li semma b’isimha li hija l-istess persuna li kien semma fl-istqarrija. Hu qal li kien ilu jixtri minghand din il-persuna xi 7 xhur. Kien jixtri l-eroina minghandu kuljum (fol 20) u kien jixtri daqs tlieta jew hamsa kuljum u kull pakkett kien jiswa’ LM10. A fol 20 l-imputat kien semma persuna ohra minn fejn kien jipprokura d-droga.

Xehed PC 516 Alfio Borg illi kien responsabbli mit-tehid tar-ritratti li fihom jidhru l-affarijiet li diga saru referenza ghalihom iktar ‘l fuq.

L-Ispettur esebixxa LM108 li kienu elevawhom minn fuq il-persuna ta’ Stephen Borg fit-2 ta’ Marzu 1998 (fol 35).

Fit-2 ta’ Novembru 2005 xehed Dione Tedesco li qal li fil-garaxx fejn kienu sabuhom il-pulizija kien hemm madwar 5 grammi eroina. Kien hemm minnhom li kienu saru pakketti u dawn il-pakketti kienu ghamluhom huma t-tnejn. Dan ix-xhud qal li kien jiehu d-droga u kien gieli biegh minnha wkoll biex ilahhaq mal-vizzju. Id-droga kien gabha l-imputat. Lill-imputat kien hallsu tas-sehem tieghu.

A fol 68 l-imputat minn jeddu rregistra ammissjoni ghall-imputazzjonijiet kollha kif dedotti kontrieh mill-pulizija ezekuttiva. Imbghad sar rapport mill-Probation Officer Mariella Camilleri.

Din xehed fit-12 ta’ Marzu 2007 u qalet li l-imputat kien stabilizza ruhu fil-qasam tal-familja u kien hemm differenza sew minn kif kien fi zmien ir-reat sa llum. Fil-fatt kien ghamel progress kbir.

Fit-12 ta’ Marzu 2007 xehdet ukoll Liliana Micallef, social worker li qalet li kienu qed isiru diversi testijiet lill-imputat u diversi minnhom bejn id-29 ta’ Settembru 2006 ‘l quddiem kien jidher li r-rizultati huma clean. Kien tilef pero xi appuntament izda mill-bqija kien jattendi regolarment (fol 76).

A fol 81 il-prosekuzzjoni ddikjarat li ghandu japplika l-Artikolu 29 tal-Kap 101.

A fol 89 xehdet WPS 61 Maria Cuschieri biex tghid id-diffikulta li kien hemm sabiex isibu lill-imputat.

**Konsiderazzjonijiet tal-Qorti**

Ġaladarba l-imputat ammetta l-imputazzjonijiet dedotti kontrih, dawn l-imputazzjonijiet ġew ippruvati skond il-Liġi.

Il-Qorti qieset mhux biss din l-ammissjoni iżda wkoll l-istqarrija tal-imputat, ix-xhieda ta’ Dione Tedesco, il-prova forensika kif ukoll ix-xhieda okulari. L-imputat kien ukoll ikkonferam l-istqasrrija tiegħu b’ġurament meta din inqratlu fl-Awla mill-Maġistrat li kien qed jippresiedi dak iż-żmien.

**Konklużjoni**

Il-Qorti, wara li rat l-artikoli 17(h) tal-Kap 9, r-regolamenti 4 u 9 tal-GN 292/1939, it-Taqsimiet 4 u 6, l-artikoli 22(1)(a), 22(2)(b)(i)(ii) u 29 tal-Kap 101 issib lill-imputat ħati taż-żewġ imputazzjonijiet dedotti kontrih bit-teini imputazzjoni assorbita fl-ewwel imputazzjoni. Għal dik li hija piena, il-Qorti qed tqis li l-imputat kellu fedina penali prattikament nadifa, ir-rapporti favorevoli magħmulin kemm mis-social worker kif ukoll mill-Probation Officer, u

r-rakkomandzzjoni tal-Prosekuzzjoni li għandu japplika l-artikolu 29 tal-Kap 101 f'żewġ gradi.

Madankolluj ma tistax tinjora li l-imputat kein diġa' biegħ diversi drabi, *ex admissis*. Mhux ġustifikat li kien qed ibiegħ id-droga biex ikollu xi ħaġa fil-but. Għalhekk il-Qorti qed tikkundannah għal piena ta' priġunerija ta' tmien xhur u għall-ħlas ta' multa ta' €600 liema multa tista' titħallas b'rata ta' 100 Ewro fix-xahar. L-ewwel pagament għandu jsir fi żmien erba' ġimgħat mil-lum. Jekk xi parti minn din il-multa ma titħallasx din għandh tinbidel f'jum priġunerija għal kull 11.65 Ewros li ma jitħallsux.

Il-Qorti qed tordna l-konfiska tal-flus maqbdua mill-Prosekuzzjoni.

Ai termini tal-artikolu 533 tal-Kap 9 qed tikkundanna lill-imputat iħalls l-ispejjeż tal-esperti maħtura matul dawn il-proċeduri skodn kif jiddetermina r-Reġsitratur wara li jara l-isepeejż involuti fil-ħatra tal-Ispiżjar analista u jaqsamhom bin-nofs (għax din ir-relazzjoni ntużat fi proċess ieħor).

Qed tordna d-distruzzjoni tad-droga taħat is-sorveljanza tar-Reġistratur.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------